



Brussell, 27 ta' Settembru 2018  
(OR. en)

12614/18

SOC 569  
EMPL 442  
GENDER 29

**NOTA PUNT "I/A"**

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	12209/18
Suġġett:	Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Ħatra tas-Sa Silvia BUABENT VALLEJO, membru għal Spanja, minflok is-Sa Lucía CÉRON HERNÁNDEZ, li rriżenjat

1. Is-Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenza tas-Sa Lucía CÉRON HERNÁNDEZ bħala membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għal Spanja).
2. L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006<sup>1</sup> jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Kunsill għandu jaħtar 18-il membru, kif ukoll il-membri supplenti, tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perijodu ta' tliet snin.

<sup>1</sup> ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

3. It-tmintax-il membru u membru supplenti maħtura mill-Kunsill jirrappreżentaw tmintax-il Stat Membru fl-ordni tal-Presidenzi b'rotazzjoni, b'kull Stat Membru jaħtar membru wieħed u membru supplenti wieħed.
4. Il-Gvern ta' Spanja ppreżenta lill-kandidata li ġejja biex tieħu post il-membru li rriżenjat, għall-bqija tal-mandat attwali li jintemml fil-31 ta' Mejju 2019:

is-Sa Silvia BUABENT VALLEJO  
Direttur tal-Istitut tan-Nisa u għall-Opportunitajiet Indaq  
Directora del Instituto de la Mujer y para la Igualdad de Oportunidades  
C/ Alcalá, 37, 5<sup>a</sup> planta  
ES-28014 - MADRID  
Tel: + 91.524.32.87/58  
Indirizz elettroniku: [dgralmujer@inmujer.es](mailto:dgralmujer@inmujer.es)

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanent iċċista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:
  - (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża dwar is-sostituzzjoni ta' membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u
  - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew

għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta'Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016<sup>3</sup> il-Kunsill ġatar, għall-perijodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2019, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.
- (2) Wara r-riżenja tas-Sa Lucía CÉRON HERNÁNDEZ sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.
- (3) Il-Gvern ta' Spanja ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

---

<sup>2</sup> ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

<sup>3</sup> ĠU C 199, 4.6.2016, p. 5.

## Artikolu 1

Is-Sa Silvia BUABENT VALLEJO hija b'dan maħtura membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istutut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sa Lucía CÉRON HERNÁNDEZ għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Mejju 2019.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill  
Il-President